MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 3/2011

**Avviz Numru: 2192/MF**

**Charles Xerxen (Karta tal-identita` numru 455355(M)**

**vs**

**Dragonara Casino Ltd**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fil-31 ta' Jannar 2011 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal,***

*Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara ittra mibghuta lit-Tribunal Industrijali datata 2 ta' April 2004 mill-Avukati Dr. Marvic Debarro li bghatet din l-ittra ghan-*

*nom tal-General Workers Union fejn talbet li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali.*

*Charles Xerxen maghruf bhala l-appellant kien assistit mill-Avukati Dr. Aaron Mifsud Bonnici u mill-Avukat Marvic Debono u ghall-kumpanija Dragonara Casino Ltd deher Anthony Degiovanni assistit minn Dr. Andrew Borg Cardono.*

***Dikjarazzjonijiet tal-Kaz***

*Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant iddikjara li kien jahdem mal-kumpanija Dragonara Casino Limited bhala Camera Operator u hass ruhu diskriminat mid-doveri moghtija lilu ghax mhux skont il-ftehim kollettiv u qieghed jigi diskriminat fis-salarju u fil-grad.*

*Fir-risposta taghha s-socjeta Dragonara Casino Limited irrispondiet billi ddikjarat illi ghandhom dritt jimxu bil-mod kif mexxew.*

*Kien hemm decizjoni preliminarju fil-2 ta' Novembru 2004 fejn gie deciz illi t-Tribunal Industrijali ghandu obbligu li jisma' it-tilwima rreferita lilu.*

*Kien hemm decizjoni ohra fil-11 ta' Novembru 2005 fejn it-Tribunal ddecieda illi dan it-Tribunal kif inhu kompost mhuwiex kompetenti li jisma' dan il-kaz imma minn Tribunal kompost skont l-Art 30 (3) tal-Att tal-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali.*

*Dan il-kaz beda jinstema' quddiem dan it-Tribunal kif inhu kompost illum fl-4 ta' Dicembru 2006.*

***PROVI***

*Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed Charles Xerxen fejn spjega li ilu jahdem hemm ghal 'il fuq minn hdax-il sena u kellu grad ta' Camera Room Operator. Spjega illi l-principal tieghu huwa l-Casma pero` sekondat mal-Dragonara Casino Limited pero` jithallas minn Dragonara Casino Limited. Spjega li*

*persuna dahlet tahdem mal-Dragonara Casino Limited warajh u ghamluha Senior Surveillance u kien hemm diversi nies ohra wkoll.*

*Xehed Joseph Bugeja li huwa s-segretarju tat-Taqsima Ospitalita` u Ikel fi hdan il-General Workers Union fejn xehed illi l-haddiema tal-Casma jigu sekondati mal-Dragonara Casino Limited. Spjega illli l-esponenti jahdem ma' Casma u vacancy fil-Casma qatt ma harget pero` tohrog vacancy ma Dragonara Casino Limited u minhabba l-fatt li huwa mhuwiex haddiem tad-Dragonara Casino Limited hu qatt ma seta' japplika ghaliha l-anqas ghal grad iehor. Xehed ukoll l-istess Joseph Bugeja illi gie nfurmat illi qabel ma jaqleb l-impjieg tieghu ma Dragonara Casino Limited ma setax ikollu opportunitajiet.*

*Xehed Joe Carbonaro fejn xehed li kien jahdem il-Casma u kien is-Shop Stewart tal-GWU. U li Mr. Xerxen kien impjegat mal-kumpanija Casma u baqa' hekk wara li telqu impjegati ohra.*

*Xehed Jason Holder li kien il-finance manager tad-Dragonara Casino Limited fejn qal li Charles Xerxen kien jahdem bhala camera room operator. Spjega wkoll illi s-Sur Xerxen seta jmur biss go Management position u dan minhabba ragunijiet ta' sigurta. Ukoll qal li s-Sur Xerxen kien l-uniku wiehed biss li baqa' fil-post u grad li kien hemm mal-Casma. Minkejja li kien offrut post mal-Dragonara Casino Limited is-Sur Xerxen rrifjuta ghax kellu kundizzjonijiet ahjar mal-Casma bhal per ezempju aktar leave, aktar sick leave u gurnata aktar qasira ta' xoghol. Qal ukoll illi mal-Casma ma hemmx post ta' Senior Surveilance officer.*

*Xehdet ukoll Tania Azzopardi fejn qalet li qatt ma tat kopja tal-pay slip taghha lil xi hadd.*

*Rega' xehed Jason Holder fejn qal li kien hemm vacany ta' Senior Surveillance Officer mal-kumpanija Dragonara Casino Limited u s-Sur Xerxen ma applikax.*

*In kontro-ezami Jason Holder stqarr li huwa Surveillance and Security Manager u li Charles Xerxen huwa Camera Room operator u mhux surveillance operator. Ammetta wkoll illi ghax kien impjegat ta' Casma ma setax jiehu promotion mad-Dragonara Casino Limited jekk l-applikazzjoni kienet gejja minn gewwa. Pero` jekk l-posizzjoni kienet ghal persuna minn barra seta' japplika pero` x-xhud insista li s-Sur Xerxen qatt ma applika. Ukoll minhabba li s-Sur Xerxen kien jahdem fil-Surveillence Department ma setax jiehu xoghol iehor jekk mhux fil-grad tal-management. Rega' tenna li s-Sur Xerxen kien offrut li jigi trasferit minn Casma ghal Dragonara Casino Limited ghall-istess posizzjoni bil-kundizzjonijiet tal-Dragonara Casino Limited pero` kien ser jigi kkumpensat finanzjarjament u l-istess Sur Xerxen kien irrifjuta. Rega` tenna illi meta inharget posizzjoni ghal Senior Surveilance officer is-Sur Xerxen ma applikax anki minkejja li kienet internal call. Ikkonkluda wkoll illi jekk applika s-sur Xerxen kien jitlef ix-xoghol mal-Casma u kien jigi impjegat ma' Dragonara Casino Limited.*

*Rega' xehed Jason Holder fejn qal li kien hemm sejha ghall-applikazzjoni ghal Senior Surveillance Officer mal-Dragonara Casino Limited u l-istess Sur Xerxen ma applikax ghal din il-posizzjoni minkejja li kien eligibbli sabiex japplika. Minkejja li kienet sejha interna x-xhud qal li is-sur Xerxen seta' japplika ghax kien jahdem fid-dipartiment. Minkejja li s-Sur Xerxen applika ghal posizzjonijet ohrajn fil-kumpanija ma setax jigi maghzul minhabba ragunijiet ta' sigurta`.*

***KUNSIDERAZZJONIJIET***

*It-Tribunal jinnota illi l-kumpanija Dragonara Casino Limited ma ppruvatx il-kas taghha dwar il-kwistjoni ta' dekadenza u t-Tribunal ma jistax jaccetta kummenti bhal "mill-memorja l-intimati jissotmetti illi nbdew hafna zmien wara li r-rikorrenti messu agixxa"*

*It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jikkunsidera s-segwenti fatti u cirkustanzi:*

*L-appellant kien impjegat ma' Casma pero` assenjat xoghol mal-Dragonara Casino Limited u mhallas minn Dragonara Casino Limited u xoghlu kien ta' Camera Operator*

*Kien hemm differenza fil-kundizzjonijiet tax-xoghol bejn Camera Operator mal-Casma u Surveillance Officer mal-Dragonara Casino Limited tal-ewwel kienu ferm ahjar; Promozzjonijiet mal-Casma kienu imwaqqfin minkejja li jezisti grad ta' senior camera room operator pero` kien hemm possibilita` ta' promozzjoni ma' Dragonara Casino Limited bhala Senior Surveillance Officer It-Tribunal qieghed jifhem illi kien hemm possibilita` li Charles Xerxen japplika ghall-promozzjoni mad-Dragonara Casino Limited minkejja li ma kienx impjegat mal-istess Dragonara Casino Limited liema applikazzjoni l-istess appellant ma ssottometthiex. It-Tribunal jifhem illi l-appellant kellu ghazliet u l-ghazliet ma hadhomx*

*Illi t-Tribunal huwa konxju tal-fatt illi l-appellant ghandu bhala l-principal tieghu l-Casma u minkejja li fil-Casma tezisti remotament il-possibilita` ta' Senior Camera Operator l-appellant ma jistax jippretendi illi jiehu promozzjoni mad-Casma u jiehu l-grade ta' Senior Camera Operator meta l-Kumpanija Dragonara Casino Limited ma tistax tindahal f'dan ir-rwol. L-anqas ma jista' jippretendi l-appellant li jiehu promozzjoni u jsir Senior Surveillance Officer meta mhuwiex impjegat ma' Dragonara Casino Limited. L-appellant jrid jaghzel ma' min hu impjegat u ma min jaghzel jibbenefika. It-Tribunal qieghed jifhem illi l-appellant ried jibqa` impjegat mal-Casma pero` jibbenefika ghall-promozzjoni bit-titlu ta' Senior Surveillance Officer bil-beneficcji ta' Casma ekwivalenti ghal Senior Camera Operator xi haga li ghat-Tribunal hija konfuzzjoni legali u ma tistax issir. It-Tribunal ihoss illi hawn ma hemm ebda diskriminazzjoni. L-appellant kellu l-ghazla u ma ezercitax l-ghazla. Kellu d-dritt japplika ghal Seniour Surveillance Officer pero` veru jinqata' mill-mal-Casma u jsir impjegat mad-Dragonara Casino Limited*

*It-Tribunal jikonkludi illi ma saritx diskriminazzjoni fil-konfront ta' Charles Xerxen ghax il-principali kienu differenti, kellu l-opportunitajiet kollha sabiex japplika ghall-posizzjoni ta' promozzjoni mal-kumpanija Dragonara Casino Limited u l-appellant ghazel li ma jissottomettix applikazzjoni u t-Tribunal ma jistax jaccetta illi mhuwiex qieghed jinghata paga ekwivalenti ghax-xoghol li qed jaghmlu nies ohrajn bhalu anzi huwa jinghata paga u kundizzjonijiet ahjar miinn haddiem tal-istess grad li jahdem ma' Dragonara Casino Limited. L-opportunita` ta' promozzjoni inghatatlu u mhiex l-kompitu ta' Dragonara Casino Limited li jinghata opportunita` ta' promozzjoni fil-Casma.*

***Decizzjoni***

*It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-parijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz u ra n-noti tas-sottomissjonijiet tal-partijiet jiddikjara li l-l-appellant Charles Xerxen ma rnexxielux jipprova li sofra xi diskriminazzjoni.*

*Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedi billi jichad dan l-appell bl-ispejjes jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.*

*Ghall-finijiet tal-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin ewro (€93.00).*

*B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol".*

Rat ir-rikors ta' Charles Xerxen datat 11 ta' Frar 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta' Mejju 2011.

Rat ir-risposta tal-intimati datata 8 ta’ April 2011 a fol 14 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-11 ta’ Mejju 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru d-difensuri tal-partijiet u l-appellant, Charles Xerxen li rrimettew ruhhom ghall-atti. L-appell gie differit ghas-sentenza ghall-31 ta’ Jannar 2012; u l-verbal tal-31 ta’ Jannar 2012 fejn il-kawza giet differita ghat-2 ta’ Frar 2012 ghall-istess skop tal-verbal precedenti; u tat-2 Frar 2012 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta’ Frar 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza nkluz id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet premessi datata 31 ta’ Jannar 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi l-appellant jghid li huwa impjegat ma CASMA Ltd u gie sekondat biex jahdem ma pero` gie assenjat xoghol mal-Dragonara Casino Limited u mhallas minn Dragonara Casino Limited u xoghlu kien ta’ Camera Operator. Jghid li skond il-Ftehim Kollettiv jezisti grad aktar gholi ta’ *“camera room operator”* cjoe’ dak ta’ *“senior camera operator”*; mas-socjeta’ appellanti jghid li l-gradi ekwivalenti huma ta’ *“surveillance officer”* u *“senior surveillance officer”,* u huwa jghid li huwa gie mizmum milli japplika bhala *“surveillance officer”* u *“senior surveillance officer”.*

Illi l-aggravji tal-appellant huma li (a) li t-Tribunal Industrijali ddecieda b’mod zbaljat punt ta’ dritt meta sostna li l-bdil fil-kondizzjonijiet tax-xoghol imposta mis-socjeta’ appellata ma kienx jikkonsisti f’diskriminazzjoni fil-konfront tal-appellant u dan meta t-Tribunal sostna li ma kien hemm xejn x’izomm lill-appellant milli japplika mas-

socjeta’ appellata ghalkemm b’hekk kien ikun qed jitlef il-beneficcji li kellu fil-Ftehim Kollettiv ma’ CASMA Limited. Jsostni li din hija diskriminazzjoni peress li tali kondizzjoni ma kienitx giet imposta fuq impjegati ohra u dan jaqa’ taht id-disposizzjonijiet tal-**artikoli 26 (1) u (2) u 27 tal-Kap. 452** u kontra l-artikolu 12 tal-Ftehim Kollettiv; (b) l-istess Tribunal iddecieda punt ta’ dritt hazin meta sostna li s-socjeta’ appellata ma hijiex marbuta bil-Ftehim Kollettiv ghaliex dan kien japplika biss ghall-haddiema ta’ CASMA Limited, mentri l-appellant qed isostni li dan kien jorbot lis-socjeta’ appellata wkoll taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 26 tal-Kap. 452.**

Illi jinghad li dwar is-sottomissjoni tas-socjeta’ appellata, li l-aggravvji ma humiex punt ta’ dritt, ghalkemm din il-Qorti tifhem ghaliex tqajjmu, pero’ hija ma thoss li dan huwa l-kaz, u dan ghaliex fl-ewwel aggravvju hemm involut il-kwistjoni jekk kienx hemm diskriminazzjoni fit-termini tal-ligi u senjatament skond l-artikoli 26 u 27 tal-Kap. 452 in kwantu applikabbli u dan jikkonsisti f’punt ta’ dritt; u fit-tieni aggravju hemm l-ilment allegat li s-socjeta’ appellata ma osservatx Ftehim Kollettiv, u fil-verita’ jekk dan japplikax ghall kaz odjern, u jekk fl-affermattiv kif. Dan ukoll fih innifsu huwa punt ta’ dritt ghaliex certament li din il-Qorti qed tigi mitluba sabiex tiddeciedi sa fejn japplika l-istess ftehim kollettiv, u jekk dan giex rispettat mis-socjeta’ appellata, jekk huwa applikabbli.

Illi dwar il-mertu jirrizulta li effettivament kien hemm differenza fil-kundizzjonijiet tax-xoghol bejn *camera operator* ma’ Casma Limited u *surveillance officer* mal-Dragonara Casino Limited tal-ewwel ahjar f’certu aspetti izda mhux fil-pagi; promozzjonijiet mal-Casma Limited kienu imwaqqfin minkejja li jezisti grad ta’ *“senior camera room operator”* pero` kien hemm possibilita` li l-appellanti ittejjeb il-grad tieghu ma’ Dragonara Casino Limited bhala *“senior surveillance officer”* u kien hemm possibilita` li Charles Xerxen japplika ghall din il-posizzjoni mad-Dragonara Casino Limited minkejja li ma kienx impjegat mal-istess Dragonara Casino Limited liema applikazzjoni l-istess appellant ma ssottometthiex. F’dan il-kuntest fid-

decizjoni appellate inghad li *"It-Tribunal jifhem illi l-appellant kellu ghazliet u l-ghazliet ma hadhomx"*

Illi dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti thoss li gie ppruvat li effettivament l-appellant ma applikax ghall tali posizzjonijiet u allura ma jistax jinghad li saret diskriminazzjoni fil-konfront tieghu, peress li huwa kien, bhal haddiehor, liberu li japplika ghall posizzjonijiet li inholqu fi hdan is-socjeta' appellata u huwa ghazel li ma jaghmilx dan; mela allura bil-mod kif impost l-istess appell, ma jistax jinghad li kien hemm xi diskriminazzjoni ezercitata mis-socjeta' appellata, u dan peress li l-istess socjeta' halliet lill istess appellant jaghmel dak li jrid huwa, u fil-kaz in ezami bhala impjegat mas-socjeta' CASMA Ltd, kellu l-ghazla li japplika mas-socjeta' appellanti u jsir impjegat taghha, jew le, u l-appellant ghazel li ma japplikax u jzomm l-posizzzjoni tieghu kif kienet.

Illi f'dan ir-rigward ma jistax jinghad li kien hemm ksur tal-**artikoli 26 tal-Kap. 452** anke jekk u kieku jigi ritenut li huwa applikabbli ghall kaz in ezami ghaliex bl-ebda mod ma gie ppruvat li l-appellant gie trattat b'mod differenti minn applikanti bhalu ghall post il-gdida (kieku applika) jew persuni bhalu gew trattati b'mod differenti, u dan peress li fil-kazijiet kollha imsemmija (u dan ukoll dejjem fl-isfond li l-appellant ma applikax ghall posizzjonijiet ohra – li jrendi l-kaz wiehed ipotetiku u qatt attwali) huwa kien fil-posizzjoni li huwa impjegat ma' CASMA Ltd. u mhux mas-socjeta' appellanti, u allura l-posizzjoni tieghu qatt ma kienet bhal dawk ta' impjegati tas-socjeta' appellata; tant huwa minnu dan li huwa ghazel li jibqa' impjegat ta' CASMA Ltd, kif kellu dritt jaghmel, u ma riedx allura li jsir impjegat tas-socjeta' appellata; allura l-posizzjoni tieghu dejjem kienet differenti minn dik ta' haddiehor, u certament mill-persuni identifikati fl-atti processwali, u allura isegwi li la darba l-appellant ghazel li jibqa' f'dik il-posizzjoni, huwa baqa' marbut bl-istess kundizzjonijiet applikabbli ghalih dwar kondizzjonijiet tax-xoghol.

Illi l-istess jista' jinghad dwar l-**artikolu 27 tal-Kap. 452** u dan in kwantu jrid jigi anke hawn konsidrat li l-appellant kien u baqa' impjegat tas-socjeta' CASMA Ltd. u allura l-

posizzjoni tieghu hija differenti minn dik ta' impjegat ta' Dragonara Casino Limited, u dan ghaliex iz-zewgt socjetajiet huma zewgt entitajiet legali separati, u wahda ma tistax tigi konfuza mal-ohra. Il-fatt li l-appellant gie sekondat biex jahdem mas-socjeta' appellata, ma jbiddel xejn mill-fatt li huwa kellu kuntratt tax-xoghol ma' CASMA Limited, u allura kellu jigi, kif fil-fatt gie u ried huwa jig trattat bhala impjegat tal-istess socjeta' CASMA Limited, u ma kien hemm ebda persuna fl-istess kundizzjoni u stat tieghu li gie trattat b'mod differenti minnu u ghalhekk dan l-artikolu ma' jistax japplika ghalih. Ma hemmx dubju li sabiex jinghad li hemm diskriminazzjoni jrid ikun hemm trattatament differenti ta' persuna minn ohra fl-istess cirkustanzi identici u tali trattament differenti ikun ghar-ragunijiet ta' xejn, u b'hekk ikun diskriminatorju; fil-fatt gie ritenut f'diversi decizjonijiet fosthom **"Nicholas Jensen proprio et nomine vs l-Avukat Generali et"** (Q.K. – 15 ta' Dicembru 2010); **"Enrieta Bianchi et vs l-Avukat Generali"** P.A. (SK) (LFS) – 15 ta' Marzu 2010); **"Carmel Caccopardo vs Ministru tax-Xoghol et"** (Q.K. – 20 ta Frar 1987); **L-Avukat Dr. Tonio Borg vs Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Kultura et"** P.A. (SK) – 2 ta' Mejju 1984); **"Pulizija vs Dr. Joseph Muscat"** – Q.K. – 28 ta' Lulju 1989 li *"hemm diskriminazzjoni meta (1) kazijiet ugwali jew persuni ugwali (2) jigu trattati b'mod differenti ( dan permeszz ta' imposizzjonijiet ta' inkapacitajiet jew restrizzjonijiet jew ghoti ta' privileggi jew vantaggi, (3) meta ma jkunx hemm bazi objettiva u ragonevoli ghal tali trattament differenti"* u f'dan il-kaz ma giex ippruvat li kien hemm xi persuna fl-istess posizzjoni tal-appellant a differenza ta' persuni fl-istess posizzjoni tieghu gie trattat b'mod differenti u ghalhekk dan l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Illi dwar it-tieni aggravvju qed jigi allegat li s-socjeta' appellanti ma osservatx il-Ftehim Kollettiv li l-appellant kellu vigenti mas-socjeta' CASMA Limited, izda dan il-gravamm lanqas huwa fondat u korrett ghaliex hawn effettivament l-ilment tal-appellant isarraf ruhhu fis-sottomissjoni zbaljata li huwa qed jippretendi li jigi trattat bhala impjegat tas-socjeta' appellata, u allura ghalih japplikaw il-kondizzjonijiet li l-istess socjeta' appellata

ghandha mal-impjegati taghha proprju, meta huwa stess qed jinsisti li ma huwiex impjegat taghha, u lanqas irid li jsir impjegat taghha, tant li qatt ma applika sabiex ikun impjegat taghha. Mela allura ma jistax jinghad li s-socjeta' appelata ma segwitx il-Ftehim Kollettiv ma' Casma Ltd, ghaliex l-istess appellant gie trattat bhala addett ma' Casma Ltd li fuq kollox hija x-xewqa tieghu, u allura la l-fatti huma hekk, ma jistax jippretendi li huwa fl-istess nifs ikollu l-istess kundizzjonijiet ta' impjegati mas-socjeta' appellata, u fl-istess nifs jibqa' jgawdi minn kundizzjonijiet differenti li huwa ghandu bhala addett ta' Casma Limited. L-appellant kellu ghazla x'jaghmel, dejjem jekk ried, jew jibqa' impjegat ta' Casma Limited, jew isir impjegat tas-socjeta' appellata, u huwa dejjem ghazel li jibqa' impjegat ta' Casma Limited u bhala tali dan gie dejjem rispettat mis-socjeta' appellata, tant li l-appellant gie trattat bhala tali. B'hekk anke dan it-tieni aggravju qed jigi respint.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa` r-risposta tas-socjeta' intimata datata 8 ta' April 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Charles Xerxen fir-rikors tal-appell tieghu datat 11 ta' Frar 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan illi din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet "Charles Xerxen vs Dragonara Casino Ltd" (Decizjoni Numru 2047) datata 31 ta' Jannar 2011 (Kaz Numru 2192/MF) ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-appellant Charles Xerxen.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

----------------------------------TMIEM----------------------------------